MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 695/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Marisa Camilleri**
**V**

**JASON DESIRA**
**CARMELO DESIRA**

**Il-Qorti,**

Rat lil imputat **JASON DESIRA** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Carmelo u Adolfa nee` Falzon, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Dicembru 1972 u residenti 9, Triq Sant'Agata, Zejtun, detentur ta' karta tal-identita numru 32273M u **CARMELO DESIRA** ta' sittin sena bin il-mejjet Belinio u l-mejta Francesca nee Galea u residenti 9, Triq Sant'Agata, Zejtun gew mressqa quddiemha akkuzati talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1999, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar f'M'Scala;

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Buhagiar skond kif iccertifika Doctor A. Lapira tal-ENT Department tal-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess gurnata u hin, zammew jew issekwestraw l-persuna ta' Saviour Buhagiar kontra r-rieda tieghu;

3. Talli kisru l-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied; u

4. Talli qalu kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom is-sentenza moghtija fil-konfront taz-zewg imputati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar datata tnejn ta' Marzu 2000 esibita fl-atti a fol 4 et seq.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2000 a fol 18 et seq tal-atti fejn l-atti regghu gew rinvjati lil Qorti tal-Magistrati sabiex din tipprocedi skond l-ligi fil-konfront tal-imsemmija zewg imputati odjerni.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputati gew notifikati ghas-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2001 biss lejliet u cioe nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2001, u peress li s-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nghatat fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2000 [a fol 18 et seq] u ghalhekk sa dakinhar kienu ghaddew aktar minn tlett xhur, il-Qorti tiddikjara minnufih l-ewwel [1], t-tielet [3] w r-raba [4] akkuza preskritti ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-istess tlett akkuzi.

Illi fl-istess seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2001, din il-Qorti ordnat l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-imputati dwar it-tieni [2] akkuza u cioe dik ta' sekwestru ta' persuni skond l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Frar 2001 esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument CSH sabiex dawn il-proceduri jitmewwex bi procedura sommarja.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sbatax ta' Mejju 2001 kif jirrizulta a fol 33 et seq tal-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2001 l-Avukat tal-parte civile Dottor Albert Libreri ddikjara li huwa ma jaqbilx mac-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor A. Lapira esibit fl-atti bhala dokument XX a fol 3 u cioe ma dik il-parti fejn qal '*fracture of nasal bones*' ma hiex ferita gravi.

Ghalhekk **il-Qorti nnominat lil Mr. Adrian Agius** sabiex jezamina lil Saviour Buhagiar u wara li jiehu konjizzjoni tal-istorja tieghu rigwardanti l-incident tal-ksur tal-imnieher jinforma lil Qorti jekk tali feriti ghandhomx jigu kkunsidrati bhala feriti gravi jew/u feriti ta' natura gravi per durata.

Illi **nhar s-sbatax ta' Mejju 2001 xehdet l-Ispettur Marisa Camilleri** [fol 35 et seq] fejn qalet li nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1999, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar, kienet cemplet l-Ghasa tal-Pulizija certa Nathalie Carter li toqghod faccata fejn sehh l-incident w irrappurat li quddiem r-residenza taghha hemm blokk bini fi stadju ta' kostruzzjonni u go fih kien hemm ragel jaghmel gesti oxxeni fil-konfront taghha. Illi ghalhekk hija baghtet lil PC 1290 Marco Micallef fuq il-post u fuq il-post dan il-Puliizja sab liz-zewg imputati li qalulu l-istess haga li Nathalie Carter kienet irrappurtat l-Ghassa qabel. Wara ftit fuq il-post tfacca wkoll Saviour Buhagiar li mar fuq il-Pulizija minn jeddu u qallu li huwa ma kien ghamel ebda gesti oxxeni u ma kienx jaf ghalfejn l-imputati nizlu u sawtuh. Ammetta li kien dahal fil-blokk ta' appartamenti 'n

kwistjoni pero biex jara l-bini ghaliex xogholu u li jaghmilha ta' sensar u ghalhekk xtaq jistaqsi ta' min kien. Waqt li kien hemm gewwa, ried jghaddi l-awrina u hekk ghamel pero cahad li ghamel gesti oxxeni lejn Nathalie Carter jew kwalsiasi persuna ohra. Saviour Buhagiar qallu li l-imputati kienu tawh xebgha b'injama u fil-fatt kellu d-demm ma mniehru. Huwa baghtu l-isptar u l-Ufficjal tal-isptar ikkonfermalha li kellu frattura tal-imnieher. Illi x-xhud qalet li lil Nathalie Carter ma kellmitiex u dak li rrappurat saret tafu minn PS 91 Michael Buttigieg u PC 1290 Marco Micallef.

Illi **nhar s-sbatax ta' Mejju 2001 xehed PC 1290 Marco Micallef** [fol 38 et seq], **nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002** [fol 69 et seq] u **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002** [fol 73 et seq tal-atti] fejn qal li nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1999 kien ircieva telefonata mill-Control Room fejn gie nfurmat li fi Triq il-Qaliet, M'Scala kien hemm persuna fi blokk bini taghmel xi gesti oxxeni fil-konfront ta' wahda tfajla. Huwa ghalhekk nizel fuq il-post indikat lilu u hemmhekk sab lil imputati odjerni. Staqsihom x'kien gara u dawn qalulu li kien hemm persuna li marru ghaliha u din lahqet harbet minn fuq il-post. wara ftit sema xi ghajjat gej minn wara sigra tal-harrub u cioe mill-post fejn l-imputati indikaw li dik il-persuna telqet tigi. Huwa mar hemm u sab lil Saviour Buhagiar b'wiccu kollu demm. Huwa staqsih x'kien gralu u dan ikkonferma li huwa kien interessat fil-bini u xiri ta' proprjeta u li ra l-bini taht kostruzzjoni, dahal biex jarah u waqt li kien hemm gew, qabditu l-awrina u ghamel l-awrina mal-hajt fl-istess appartament. Proprju f'dak l-hin li kien qed jghaddi l-awrina, huwa hares 'l barra u ra wahda mara fil-gallarija. Huwa dam fil-post xi ghaxar minuti u wara waslu l-imputati odjerni u tawh xebgha. Huwa innota li kellu xi dmiija u ghalhekk baghtu jiddewwa fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid. Huwa mbaghad kellem lil Nathalie Carter li qaltlu li kienet hi li cemplet lil Pulizija u lil imputati biex jaghtuha l-ghajnuna peress li kien hemm ragel li kien qed jaghmel gesti oxxeni. Bejn il-gallarija ta' Nathalie Carter u l-post fejn allegatament ghadda l-awrina Saviour Buhagiar, hemm distanza ta' xi sitt metri u aperturi fil-blokk fejn kien Saviour Buhagiar ma hemmx. Saviour Buhagiar lix-xhud wrih fejn kien ghadda

l-awrina u effettivment huwa ra dawra mal-hajt f'kantuniera. Mistoqsi fis-seduta tas-sbatax ta' Gunju 2001 jekk hux minnu li minn fejn kienet Nathalie Carter hija setghet tara lil Saviour Buhagiar jghaddi l-awrina ix-xhud wiegeb li ma setghax jirrispondi ghaliex m'ghamilx l-verifiki. Meta reggha xehed nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 dan ix-xhud qal l-oppost u cioe ex admissis qal: "*Mill-posizzjoni fejn Saviour Buhagiar ghadda l-awrina kien possibbli li nies li kien hemm fil-bini oppost setghu jarawh jghaddi l-awrina.*" Fil-fatt izid jghid "*Nghid li ghalkemm kien fit-tieni kamra xorta kien jidher*."

Illi **nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 xehed PS 91 Michael Buttigieg** [fol 61 et seq] u **nhar t-tletin ta' Settembru 2002** [fol 87 et seq tal-atti] fejn qal li huwa kien gie nfurmat minn PC 1290 Marco Micallef li huwa kien nizel M'Scala wara li kellu rapport minghand Nathalie Carter li fil-post li hemm faccata taghha, kien hemm ragel bla hwejjeg. PC 1290 Marco Micallef qallu li fuq il-post sab lil imputati u qalulu li kienu aggredew lil Saviour Buhagiar. Qal wkoll li Saviour Buhagiar kien ghaddilu certifikat mediku dwar il-feriti li ssubixxa.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 xehed Salvu Buhagiar** [fol 65 et seq] u **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002** [fol 77 et seq tal-atti] fejn qal li nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2001, huwa mar M'Scala lejn in-naha tal-Bajja ta' San Tumas, u ra xi flats ghal bejgh u peress li huwa bennej u jkun hemm xi nies jistaquh jekk jafx b'xi proprjeta ghal bejgh huwa dahal fi blokk t'appartamenti li kienu ghadhom fi stadju ta' kostruzzjoni u telgha fuq. F'xi hin wasal l-imputat Carmelo Desira li beda jghajjat b'injama f'idu u jghid '*fejnhom shabek*' u hu qallu li kien wahdu. Mistoqsi x'kien liebes meta wasal Carmelo Desira ix-xhud wiegeb li kien liebes shorts u T shirt ahdar. Huwa qal lil imputat li kien ghadu kemm ghadda l-awrina u fil-fatt jghid li wera lil Carmelo Desira il-post fejn kien ghadda l-awrina. Dan ix-xhud qal li l-imputati zammewh fil-flats sakemm gew il-Pulizija. Jghid wkoll li l-imputat Jason Desira beda jfajjar d-daqqiet ta' ponn f'wiccu u Carmelo Desira qabad injama u tah daqqa fu mniehru u kissirlu l-ghadma. Huwa mbaghad telaq jigri u qaghad jistenna lil Pulizija hdejn il-

karozza. Huwa jghid li fil-blokk ma kienx dam aktar minn hames minuti ghalkemm fl-istess nfis jghid li fil-gallarija tal-ewwel zewg sulari hareg biex jara jekk kienx hemm saqaf maqsum. Qal wkoll li huwa kien ghadda l-awrina fil-blokk u xtaq jindika fejn lil Pulizija pero l-Pulizija ma riedux jafu. Huwa pero cahad li kien gharwien fil-gallarija jew li ra lil xi hadd meta kien fil-gallarija.

Illi **nhar l-erbgha ta' Marzu 2002 xehed Mr. Adrian Agius** [fol 52 et seq] fejn ikkoknferma li Saviour Buhagiar kellu ferita f'imniehru peress li allegatament kien safa vittma ta' attakk ta' aggressjoni. Qal li huwa ezamina nhar s-sitta ta' Gunju 2001 lil Saviour Buhagiar u sab li kellu l-ghadma ta' mniehru mcaqilqin lejn ix-xellug li ndikaw li kellu frattura tal-imnieher u li fil-fehma tieghu, tali ferita kienet gravi per durata.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 xehdet Nathalie Carter** [fol 63 et seq] u **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002** [fol 75 et seq tal-atti] fejn qalet li waqt li kienet fis-salott taghti l-bottle lit-tarbija taghha semghet lil xi hadd jpespsilha. Hija harset 'l barra u l-ewwel rat ragel imlibbes u wara, dan nezgha gherwien, qaghad bil-qeghda fuq kantun u beda jilghab bil-parti genitali tieghu. Hija ma haditx pjacir b'dan u minnufih cemplet lil Pulizija. Hija cemplet lil missier r-ragel taghha certu Carmelo Desira li nizel fuq il-post ma ibnu r-ragel taghha u dawn sabu lil Saviour Buhagiar mnezza fil-blokk. Hija ddeskriviet il-hwejjeg li kien liebes Saviour Buhagiar bhala shorts u flokk bic-cingi b'xi disinn minn quddiem u l-flokk kien ahdar car. Pero stqarret li hija aktar ratu gherwien milli bil-hwejjeg u ratu mill-vicin u ghalhekk setghet tgharfu.

Illi **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 xehdet Bernardette Buhagiar** [fol 81 et seq tal-atti] fejn qalet li dakinhar tal-incident zewgha kien liebes shorts u flokk ahdar u kien mar lura d-dar mimli demm u kien qalilha li kien hemm amra li rrappurtat li kien qed jittantha meta fil-fatt kien qabditu l-awrina u ghalhekk ghadda l-awrina mal-hajt fi blokk t'appartamenti li hu kien dahal jara f'post maghruf Zonqor.

Illi **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 xehed Charles Demanuele** [fol 84 et seq tal-atti] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien akkumpanja lil Saviour Buhagiar l-isptar u mar mieghu l-Ghassa jaghmel rapport. Qal li huwa kien insista mal-Pulizija biex jergghu jinzlu fuq il-post biex jiehu ritratt tal-post fejn huwa kien ghadda l-awrina pero l-Pulizija ma riedux. Huwa gie muri wkoll fl-Ghassa, injama li l-imputati kienu sawwtu lil Saviour Buhagiar biha. Ikkonferma li Saviour Buhagiar kien liebes flokk imqaccat ahdar.

Illi **nhar s-sittax ta' Frar 2004 xehed l-imputat Carmelo Desira** [fol 100 et seq tal-atti] fejn qal li dakinhar tal-incident huwa kien iz-Zejtun u kienet cemplet Nathalie Carter li tghix ma ibnu Jason f'M'Scala u qaltlu li kien hemm ragel fil-blokk tal-appartamenti ta' faccata taghha li kien qed jaghtiha fastidju billi neza' gherwien u beda jilghab bil-parti genitali teighu u jghajjtilha. Huwa ghalhekk nizel M'Scala u tela' jigri fit-tielet sular tal-flats li ghandhom fi stadju ta' kostruzzjoni u sab lil Salvu Buhagiar. Dan kein gherwien jew ahjar liebes flokk biss u kien qed jilghab bil-parti genitali tieghu. Staqsih x'kien qed jaghmel u qallu 'xejn' w imbaghad ipprova jilbes il-qalziet biex johrog 'l barra. Huwa ma hallihx johrog sakemm jigu l-Pulizija. Fil-fatt qaghdlu mal-bieb. Mistoqsi jekk kienetx Nathalie Carter li ndikatlu lil Saviour Buhagiar ix-xhud wiegeb fin-negattiv pero qal li Saviour Buhagiar kien fil-blokk wahdu.

Illi **nhar t-tnax ta' Mejju 2004 xehed l-imputat Jason Desira** [fol 105 et seq tal-atti] fejn qal li dakinhar tal-incident kienet cemplitlu ommu u qaltlu li missieru kien qed izomm ragel fil-fond faccata tar-residenza taghhom minhabba allegazzjoni maghmula minn Nathalie Carter u cioe li din il-persuna nezghet gherwiena. Fil-fatt missieru kien qed jzommu milli jitlaq sakemm jaslu l-Pulizija. Huwa wasal fuq il-post, sab lil Saviour Buhagiar mizmum minn missierhu u staqsih x'kien gara. Dak il-hin Saviour Buhagiar beda jgaralu l-gebel u ghalhekk beda jaghtih xi daqqiet ta' ponn.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ghandha taghti l-gudizzju taghha biss fuq l-akkuza ta' sekewestru ta' persuna ghalkemm il-Prosekuzzjoni setghet tat akkuzi ohra lil imputati.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 u cioe :

*"Kull minn bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolari li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Salvu Buhagiar?  Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni.  L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata.  L-ewwel element tas-sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra.  Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.  Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat kif donnu ried jfihem l-Avukat Difensur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghall-moviment libera u taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest.  Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-artikolu tal-Kapitolu 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu - <u>l-usu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika</u> jindika li taht dan il-kap jaqa agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli.  It-teorija tal-arrest illegali tabbraccja ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat imma wkoll l-arrest bl-

ingann. Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti *by words alone if one submits.*

**Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna a fol 112 para 788 vol II billi jghid:

"*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia <u>assoluta</u> e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo o di soccorso*".

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di diritto penale*** Ed. 1977 pg 134 jghid:

"*Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto <u>impossibile ogni via di scampo.</u> E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certa rilievo.*"

Fil-fatt **La Corte di Cassazzione** tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar, 1961 ipprecizat:

"*Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*"

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li wara li spjiegat t-tifsira ta' reat ta' sekwestru ta' persuna trid issa tesamina l-fatti specie f'dan il-kwadru.

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew Bonnici** huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volonta tieghu.

Issa fil-kaz in ezami il-Qorti ma thossx li r-reat in kwistjoni gie ppruvat u dan ghaliex l-imputat Carmelo Desira zamm lil Saviour Buhagiar milli jitlaq mhux biex jikkommetti reat ghaliex l-incident kien diga sehh izda biss biex jghaddih lil

Pulizija sabiex ssir l-investigazzjoni relattiva dwar r-rapport ta' Nathalie Carter. Minn imkien fil-fatt ma jirrizulta li l-vittma gie mizmum kontra r-rieda tieghu ghaliex fil-fatt l-ewwel wasal Carmelo Desira u huwa w hiereg mill-blokk, l-impuatat qaghad hemm hdejn il-bieb tal-vettura tieghu jistenna lil Pulizija u ghalhekk ghall-malvivent l-liberta tieghu ma kienetx giet ritretta b'ebda mod. Ma jirrizultax fil-fatt li hu gie mizmum ghal xi zmien partikolari anzi kien hu stess li qaghad hemm volontarjament ghal ftit minuti ghaliex il-Pulizija waslu fuq il-post minnufuh.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputati JASON DESIRA u CARMELO DESIRA hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------